

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

15.1.2007

0005/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Eugenijus Gentvilas, Arūnas Degutis, Gintaras Didžiokas et Eugenijus Maldeikis

dwar il-perikli li jistgħu jirriżultaw mis-sanzjonijiet ekonomiċi ta' l-UE kontra l-Belarus

Skadenza: 15.4.2007

0005/2007

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-perikli li jistgħu jirriżultaw mis-sanzjonijiet ekonomiċi ta' l-UE kontra l-Belarus

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan ta' strateġija ġdida dwar koperazzjoni mal-Belarus bit-titolu "UE-Belarus: messaġġ ġdid għaċ-ċittadini ta' Belarus" (IP/06/1593), ippubblikat fil-21 ta' Novembru 2006 minn M^{me} Benita Ferrero-Waldner, membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għar-relazzjonijiet esterni u għall-politika tal-viċinat ta' l-UE,
- B. billi d-deċizzjoni 8558/06 tal-Kunsill li żiedet l-ispiża tad-dritt fuq il-viża għad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi ġirien minn 35 għal 60 euro ttaqqal il-koperazzjoni bejn il-pajjiżi u bejn iċ-ċittadini,
- C. billi d-deċizzjoni tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-UE ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li l-Belarus jitneħħielu temporanjament l-aċċess għall-iskema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati tolqot qabel kollox lill-poplu ta' dan il-pajjiż u mhux lill-kapijiet tar-reġim,
 1. Jesprimi t-tħassib tiegħu minħabba l-inkoerenza ta' l-azzjonijiet differenti ta' l-Unjoni Ewropea li, f'ċerti każi jħeġġu l-koperazzjoni ekonomika mal-Belarus filwaqt li, f'każi oħra, jimponu sanzjonijiet ekonomiċi;
 2. Iqis li l-għan ta' l-UE għandu jkun li tissaħħaħ is-soċjetà ċivili tal-Belarus, li l-vittmi tar-reġim jirċievu għajjnuna kif ukoll li jiġu żviluppatti kuntatti bejn iż-żgħażaġh u l-istudenti ta' dan il-pajjiż u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-UE, u mhux li jittieħdu sanzjonijiet li jolqtu ċ-ċittadini ta' pajjiżi ġar;
 3. Jistieden l-istituzzjonijiet ta' l-UE li jirrealizzaw li s-sanzjonijiet ekonomiċi fuq il-Belarus joħolqu ħsara ekonomika għal xi Stati Membri ta' l-UE, b'mod partikolari għall-Istati ta' l-Ewropa ċentrali u tal-lvant;
 4. Iqis li l-UE għandha tkompli tagħti l-għajjnuna għall-iżvilupp lill-Belarus, filwaqt li tiżgura li din l-għajjnuna ma tiġix użata biex jissaħħaħ ir-reġim;
 5. Jemmen li r-reġim tal-Belarus ifisser is-sanzjonijiet imposti mill-UE bħala tentattiv biex il-pajjiż jiġi iżolat u rieda biex titqal il-ħajja taċ-ċittadini komuni, li kollox iwassal għall-pożizzjoni tar-reġim fost iċ-ċittadini ta' Belarus dwar il-"għlieda ġusta kontra l-Unjoni Ewropea qarrieqa";
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu li jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-isem tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.